# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

**ONOR. MHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' Nhar il-Gimgha 15 t'April 2016**

**Kawza Numru : 1**

**Rikors Numru : 776/2013 JPG**

**Avukat Dottor Tonio Grech fil-kwalita' tieghu bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Odessos Shiprepair Yard S.A. registrata fil-Bulgarija**

**vs**

**SL Ship Management Co. Ltd**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta' tar-rikorrenti tat-12 t'Awwissu 2013 li jaqra hekk;

*"Illi permezz ta' ftehim datat 7 ta' Novembru 2011 hawn anness u markat Dok. TG1 is-socjeta' intimata inkarigat lis-socjeta' rikorrenti sabiex taghmel tiswijiet fuq il-bastiment M.T. Santa Elena.*

*Illi dawn it-tiswijiet twettqu ghas-sodisfazzjon tas-socjeta' intimata bejn is-26 ta'Marzu 2012 u l-11 ta' Mejju 2012, izda s-socjeta' intimata hallset parti mill-ammonti ta' l-invoices markati Dok. TG2 u fadal bilanc ta' wiehed u sebghin elf,disa' mija u sebghin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu ( EUR 71, 970.25) u ghalhekk is-socjeta' intimata hija debitrici tas-socjeta' rikorrenti ghall-istess ammont.*

*Illi ghalkemm is-socjeta' rikorrenti interpellat lis-socjeta' intimata sabiex thallas dan l-ammont, hija baqghet inadempjenti.*

*Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, tghid is-socjeta' intimata ghaliex, prevja kull dikjarazzjoni opportuna u moghtija dawk il-provvedimenti kollha necessarji fic-cirkostanzi tal-kaz, din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

1. *Tiddikjara lis-socjeta' intimata debitrici tas-socjeta' rikorrenti fl-ammont totali ta' wiehed u sebghin elf, disa' mija u sebghin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (EUR71,970.25) bhala bilanc minn ammont akbar dovut mis-socjeta' intimata ghal tiswijiet li twettqu mis-socjeta' rikorrenti fuq il-bastiment M.T. Santa Elena.*

2. *Tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lis-socjeta'rikorrenti l-ammont hekk dikjarat.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tat-28 ta'Frar,2013 kif ukoll bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta'intimata li hija ngunta minn issa ghas-subizzjoni."*

Rat illi r-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' SL Management Co Ltd tad-9 ta' Settembru 2013 (a fol. 127 et seq) li taqra hekk:

1. *"Illi preliminarjament it-talbiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt in vista tal-fatt l-**ebda** wiehed mix-xogholijiet fir-rigward ta' liema s-socjeta' attrici qeghda tressaq il-pretenzjonijiet taghha ma jifforma parti mill-Iscope of Works*

*specifikat fil-kuntratt ta' xoghlijiet li gie konkluz bejn il-partijiet fis-7 ta' Novembru 2011.*

2. *Illi inoltre jinghad illi s-socjeta attrici **qatt** u fl-ebda mument ma approvat il-prezz ta' **ebda wiehed** minn dawn ix-xogholijiet kif rikjest ai termini ta' klawzola 12 tal-istess kuntratt.*

3. *Illi s-socjeta' konvenuta lanqas biss qatt ma rrikjediet li jsiru numru tax-xoghlijiet in kwistjoni u nonostante dan, is-socjeta' attrici pprocediet billi tezegwihom u issa sahansittra qeghda titlob il-hlas taghhom.*

4. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost hemm xi numru ta' xogholijiet illi minkejja li ma kienux inkluzi fl-Iscope of Works originali, is-socjeta' konvenuta kienet sussegwentament espremiet il-kunsens taghha illi jitwettqu fuq il- bastiment, izda fil fatt qatt ma kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet rigward il-prezz taghhom u ghalhekk qatt ma gew approvati ai termini ta' klawzola 12 tal-istess kuntratt bir-rizultat illi l-prezz,li issa qieghed jigi pretiz mis-socjeta attrici fil-konfront taghhom huwa ferm eccessiv u ingustifikat.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat in-nota t'osservazzjonijiet tal-Avukat Dr. Tonio Grech fil-kwalita; tieghu premessa tal-20 t'Awwissu 2015 (a fol. 425 et seq.);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota responsiva ta' SL Shipmanagement Co Ltd tal-15 t'Ottubru 2015 (a fol. 727 et seq.);

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

**Krasimir Hristov Kirilov** xehed permezz ta' affidavit a fol 427 – 435 illi huwa impjegat mas-socjeta rikorrenti bhala 'expert estimator' u ilu jahdem mid-Dipartiment Kummercjali ta' din is-socjeta mis-sena 1994. Hu kien gie appuntat mill-Yard's Management bhala estimator biex jipprepara kwotazzjoni u susseggwentement jinnegozja il-prezz ghat-tiswija ta' m/t Santa Elena. Fis-7 ta' Settembru 2011 kien intlahaq ftehim bejn is-sidien tal-bastiment, u cioe Falzon Group u s-socjeta rikorrenti ghat-tiswija u drydocking tal-bastiment in kwistjoni. Dan **il-kuntratt kien jistipola illi kull xoghol addizzjonali setgha jsir biss wara li jintlahaq ftehim bil-miktub.**

Sabiex ix-xoghol tat-tiswija ma jigi ritardat, gie miftiehem illi s-socjeta rikorrenti tibda x-xoghol ordnat mill-Attending Superintendent qabel ma jkun ftehim finali fuq il-prezz kif jidher mill-ittra datata 30 ta' Marzu 2012 mmarkata bhala Dok 1. Qal illi ma sar l-ebda xoghol fuq il-bastiment minghajr ordni espress u konferma mir-rapprezentanti tas-sidien tal-bastiment u cioe l-Attending Superintendent u l-Kaptan tal-bastiment. Waqt it-tiswija tal-bastiment, bejn Marzu u Mejju 2012 kien hemm korrispondenza kontinwa bejn il-partijiet li tirraprezenta diskussjonijiet fuq xoghol li gie ordnat addizzjonalment u xoghol li gie kancellat.

Kull xoghol li gie kancellat gie indikat carament, sabiex l-ammont jigi *fully credited.* Ix-xoghol addizzjonali kollu kien ukoll jigi quoted sew, u kien hemm xi xogholijiet fejn is-sid tal-bastiment kien jaqbel u ohrajn fejn kienet issir kontra-proposta jew rikjesta ghal kjarifika. Is-socjeta rikorrenti kienet tirrispondi ghal kontro-proposti billi xi drabi taccettahom, xi drabi taghmel proposti godda u xi drabi billi tispjega r-ragunijiet ghalfejn il-kontro-proposta ma kienetx qed tigi accettata. Ghalkemm is-socjeta rikorrenti dejjem irrispondiet l-ittri tas-sid tal-bastiment, kien hemm drabi fejn is-sid tal-bastiment naqas milli jwiegeb il-korrispondenza mibghuta lilu. Kien hemm drabi fejn is-socjeta rikorrenti kellha tfakkar lis-sid tal-bastiment

illi kienet qed tistenna risposa kif jidher per ezempju fl-ittri annessa tad-29 ta' Marzu 2012, 11 ta' April 2012 u 26 ta' April 2012.

Waqt li kien qed jisewwa l-bastiment, is-socjeta rikorrenti enfassizat kemm il-darba illi d-diskussjonijiet u n-negozjati kollha kellhom jigu ffinalizati qabel isalpa l-bastiment. Fil-15 ta' Mejju is-socjeta rikorrenti baghtet lista aggornata bix-xogholijiet addizzjonali u x-xogholijiet kancellati, sa dakinhar, u servizzi generali sat-18 ta' Mejju. Sid il-bastiment wiegeb illi kien **qieghed japprova s-somma ta' €649,879** u mhux is-somma indikata mis-socjeta rikorrenti ta' €718,032. Ghalhekk is-socjeta rikorrenti insistiet illi sid il-bastiment jaghtiha lista ta' referenza sabiex il-kwistjoni tigi ccarata, izda din il-lista ma gietx provduta. Qal illi l-invoices kollha kienu jigu iccekjati b'attenzjoni mill-Attending Superintendent u l-Kaptan tal-bastiment u l-esekuzzjoni ta kull xoghol ta' tiswija deskritt kien jigi kkonfermat. L-Attending Superintendent u l-Kaptan kienu jiffirmaw u jissiggilaw l-**invoices** wara li jkunu rcievew l-ordni minghand sid il-bastiment. Il-lista bix-xogholijiet li sid il-bastiment kien qieghed **joggezjona ghalihom finalment intbghatet fit-12 ta' Gunju 2012**, u cioe ghoxrin gurnata wara t-tluq tal-bastiment mill-Yard.

Fl-affidavit tieghu Kirilov inkluda lista ta' xogholijiet li s-socjeta ntimata ma qablitx maghhom, b'indikazzjoni ta' meta, skont hu, kienu gew approvati bil-mitkub minnha. Fir-rigward tal-pagament, il-klawsola numru 8 tal-kunratt tipprovdi illi 25% tal-*estimated/calculated* ammont irid jithallas mal-iffirmar tal-kuntratt, 70% meta titlesta it-tiswija u l-bilanc ta' 5% fi zmien 15 -il gurnata mit-tluq tal-bastiment.

Spjega illi s-socjeta rikorrenti harget erba' *invoices*, u cioe:

1. *Invoice* numru CD/1359A fl-ammont ta' €462,740: Din l-*invoice* tekwivali ghall-ammont kwotat mis-socjeta rikorrenti u miftiehem fuq il-kuntratt;

2. *Invoice* numru CD/1359B fl-ammont ta' €658, 993: Din l-*invoice* tirraprezenta xogholijiet kancellati u xogholijiet addizzjonali ezegwiti sal-15 ta' Mejju 2012 u servizzi generali rezi sat-18 ta' Mejju 2012. Din l-*invoice* tinkludi l-*items* kollha ikkontestati mis-sid, pero x-xogholijiet kienu gew kollha approvati mill-Attending Superintendent u l-Kaptan.

3. *Invoice* numru CD/1359C fl-ammont ta' €15,884: Din l-*invoice* tirraprezenta xogholijiet ta' tiswija li saru bejn il-15 ta' Mejju 2012 u t-23 ta' Mejju 2012 u servizzi generali rezi mit-18 sat-23 ta' Mejju 2012, li kienet giet prezentata lis-Sid tal-

bastiment li ma ta l-ebda kumment fuqha. Dawn ix-xogholijiet kien kollha saru bl-approvazzjoni tal-Attending Superintendent u l-Kaptan.

4. *Invoice* numru CD/1357 fl-ammont ta' €44,661: Din l-*invoice* tirraprezenta l-ammont dovut ghat-tindif tal-bastiment u slop disposal. Waqt in-negozjati gie miftiehem skont fuq din l-*invoice* fil-kaz li s-sid jaqbel ma' xi kondizzjonijiet, u peress li ma kienx hemm konferma ta' qbil ma' dawn il-kondizzjonijiet minn naha tas-sid, dan l-iskont ma kiex gie moghti. L-ammont dovut indikat fl-*invoice* kien gie approvat mis-sid permezz ta' ittra datat 17 ta' Mejju 2012.

Kompla illi l-ammont reklamat jirraprezenta l-bilanc dovut maqsum bil-mod segwenti:

1. 5% tal-ammont indikat fl-*invoice* numru CD/1359A;
2. 5% tal-ammont indikat fl-*invoice* numru CD/1359B;
3. 100% fuq l-ammont indikat fl-*invoice* numru CD1359C

ghal ammont totali ta' €71,972.25.

**Dr. Cornelia Zammit German,** xehdet permezz ta' affidavit a fol 146 – 151 tal-process illi hija impjegata ma' Falzon Group of Companies bhala *corporate services manager* u s-socjeta ntimata hija wahda mis-socjetajiet sussidjarji ta' dan il-grupp. Qalet li hija kienet qed isegwi dan il-kaz mill-bidu nett u kienet involuta fih personalment.

Waqt li l-bastiment in kwistjoni kien qieghed ghand is-socjeta rikorrent, bejn Marzu u Mejju 2012 kien hemm korrispondenza kostanti ghaddejja bejn iz-zewg partijiet permezz ta' liema kienu jigu diskussi xogholijiet addizzjonali. Kull darba li kien ikun qbil minn naha tas-socjeta ntimata fuq ix-xoghol addizzjonali li kien qieghed jigi suggerit u l-prezz kwotat, is-socjeta ntimata kienet tibghat struzjonijiet bil-mitkub lis-socjeta rikorrenti biex tipprocedi b'dawn ix-xogholijiet. Kien hemm drabi fejn kienu jsiru kontro-proposti mis-socjeta ntimata, u kien hemm drabi wkoll fejn ma kienx ikun hemm qbil rigward il-proposti maghmula mis-socjeta rikorrenti.

Xi drabi s-socjeta rikorrenti kienet tonqos li tibghat ir-risposta taghha ghal kontro-proposta maghmula mis-socjeta ntimata u kagun ta' dan saru xi xogholijiet addizzjonali li s-socjeta ntimata qatt ma approvat u li ghalhekk skont il-kuntratt ma kellhomx isiru u huwa ghalhekk li qed jigi kkontestat l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti.

Ix-xogholijiet li saru minghajr kunsens tas-socjeta ntimata saru hekk minhabba illi:

1. is-socjeta ntimata kienet qablet di principju li jsiru izda ma qablitx dwar il-prezz u ghamlet kontro-proposta izda qatt ma rcievet risposta dwar din;

2. is-socjeta ntimata ma qablitx li x-xogholijiet addizzjonali jsiru;

3. xogholijiet fejn l-ammont fuq il-kont ma kienx jaqbel mal-ammont miftiehem bejn il-partijiet; u

4. l-offerta jew stima qatt ma waslet ghand is-socjeta ntimata u ghalhekk ix-xoghol sar ad insaputa taghha.

Dr. German kompliet illi fir-rigward tal-*invoices*, is-socjeta ntimata kienet qablet mal-*invoices* numru CD1359A u CD1359B, u d-disgwid kien fuq iz-zewg *invoices* ohra. Fir-rigward tal-*invoice* numru CD1359C is-socjeta ntimata kienet informat lis-socjeta rikorrenti diversi drabi illi ma kienx hemm qbil fuq xi xogholijiet addizzjonali peress li dawn ma kienux saru bil-kunsens tas-socjeta ntimata. Fir-rigward tal-*invoice* numru CD1357 is-socjeta ntimata kienet informat lis-socjeta rikorrenti li l-ammont pretiz kien oghla milli suppost peress li kienet is-socjeta rikorrenti stess li kienet ikkonfermat li ser taghti skont minn dan il-kont, liema skont ma giex rifless fil-kont prezentat lis-socjeta ntimata.

Meta s-socjeta ntimata kienet ikkonfermat li ser thallas 70% tal-ammont reklamat, is-socjeta ntimata qalet li ghall-*invoices* numru CD1359B, CD1359C u CD1357 il-hlas kellu jkun ta' 100% peress li dawn kienu ghal xogholijiet addizzjonali u ghalhekk ma kienux formanti mill-valur kontrattwali. Eventwalemnt **is-socjeta ntimata kellha thallas l-ammont kif pretiz** mis-socjeta rikorrenti, u cioe 70% fuq l-*invoice* bin-nimru 1359A u 100% fuq l-*invoices* l-ohra **minhabba li inkella s-socjeta rikorrenti ma kienetx ser thalli l-bastiment jitlaq minn Varna fil-Bulgarija.**

B'rizultat ta' dan l-agir l-ammont li kien fadal x'jithllas kien ta' €71,970.25, u cioe il-bilanc fuq l-invoice numru 1359A. Is-socjeta rikorrenti hallset ammont ta' €87,728 fuq l-invoices CD1359B u CD1357, liema ammont kien ingustifikat. Qalet ukoll illi s-socjeta ntimata mhix qed tikkontesta l-hlas li sar ghal xogholijiet addizzjonali li ma gewx approvati izda kienu neccessarji jew ta' beneficcju materjali ghall-bastiment.

In kontro-ezami, a fol 716 – 718 xehdet illi fir-rigward dak li qalet fl-affidavit taghha fuq xogholijiet addizzjonali li ma kienx hemm qbil fuqhom izda li s-socjeta ntimata ma

kontestatx il-hlas taghhom, jekk per ezempju,s-socjeta ntimata ma keinetx qablet fuq il-prezz, hallset a bazi tal-prezz li kienet offriet fil-kontro-proprosta u s-socjeta ntimata ma rrispondietx; jew inkella a bazi ta' *market value* fejn id-diskussjoni fuq il-prezz qatt ma saret; jew fejn il-prezz gie miftiehem mod izda deher mod iehor fil-kont.

In re-ezami a fol 718 -721 xehdet illi fuq invoice numru CD1359A fl-ammont ta' €462,740 ma hemmx kontestazzjoni mis-socjeta ntimata. Ikkoregiet ukoll dak li qalet fl-affidavit illi m'hemmx disgwid fuq l-*invoices* numru CD1359A u B, ghaliex riedet tghid illi m'hemmx disgwid fuq l-*invoices* numru CD1359A u CD1359**C**.

Spjegat illi l-*invoices* kontestati mis-socjeta ntimata huma dawk bin-numru CD1359B u CD1357, u l-kontestazzjoni m'hijiex fir-rigward tal-*invoice* kollha izda ta' partijiet minnha. **Kompliet illi l-ammont li s-socjeta ntimata ma qablitx mieghu kien ta' €87,728 liema ammont jirraprezenta xogholijiet addizzjonali li saru minghajr il-kunsens tas-socjeta rikorrenti**. Ghalhekk l-ammont li qed tippretendi s-socjeta rikorrenti gie mhallas over and above.

**Elio Desira,** prodott mis-socjeta rikorrenti, xehed a fol 682 – 683 illi hu kien jahdem bhala supretendent u konsulent mas-socjeta SL u mar biex jaghmel dan ix-xoghol wara kuntratt li nghatu lilu biex jiehu hsieb ix-xogholijiet ta' tiswija li kien *'major job*.' Qal li waqt ix-xoghol inqala' xoghol iehor minhabba il-*classification society* u ghamlu x-xoghol. Qal ukoll illi dawn ix-xogholijiet bilfors riedu jsiru; kien hemm specifikazzjonijiet li telghu bihom huma, u ohrajn li gew mitluba mill-Classification Society. Huwa gharaf il-firma tieghu fuq Dok TG3 a fol 137 tal-process u spjega **li dan id-dokument huwa Protocol of Acceptance** li johrog wara li x-xogholijiet u li jindika li x-xoghol sar skont l-ispecifikazzjonijiet u n-necessita u li t-tiswija hija sodisfacenti skont ir-rekwizit tal-Classification Society.

Prodott mis-socjeta ntimata a fol 703A – B, xehed illi l-istruzzjonijiet li kellhu mis-sidien tal-bastiment meta gie ipprezentat bil-Protocol of Acceptance, kienu ***"to sign for receipt only."*** **Dan ma giex accettat minn naha tat-Tarzna**, rega talab struzzjonijiet u giet istruwit biex jiffirma l-kuntratt.

In kontro-ezami a fol 703B xehed illi l-ispecifikazzjonijiet tax-xoghol saru mis-sid pero imbaghad inqala' xoghol iehor li riedet il-Classification Society u dan ix-xoghol kollu sar.

In re-ezami a fol 703C xehed illi jaf li kien hemm xi disgwid bejn il-kontendenti fuq partijiet mill-kontijiet. **Qal li meta avza lit-Tarzna li ried jiffirma fuq *receipt only* dawn irrifjutaw, u kieku ma iffirmax normalment ma jhallux il-vapur jitlaq.**

**Alessando Runco**, prodott mis-socjeta ntimata, xehed permezz ta' affidavit a fol 685 – 689 illi huwa impjegat ma' Falzon Group of Companies bhala *General Manager* – Bunkering and Marine u is-socjeta ntimata hija socjeta sussidjarja ta' dan il-grupp. Hu kien involut personalment f'dan il-kaz mill-bidu nett, peress illi r-responsabbilita ta' *drydocking* u tiswija tal-bastimenti ta' Falzon Group jaqaw taht ir-responsabbilita diretta tieghu.

Qal li sabiex ikun jista' jsir xoghol addizzjonali kellhom jigu osservati zewg kondizzjonijiet u cioe illi tinghata struzzjoni specifika mis-socjeta ntimata, u li din ir-rikjesta tigi ffirmata mis-socjeta ntimata, skont il-klawsola numru 12 tal-kuntratt konkluz bejn il-partijiet li kien jirrikjedi ukoll qbil bil-mitkub anke ghal xoghol addizzjonali, u dan kif ikkonfermat mill-korrispondenza mmarkata Dok 1 li giet annessa mal-affidavit ta' Kirilov.

Kompla illi matul il-perjodu kollu li l-bastiment in kwistjoni kien mizmum Varna ghad-*drydocking* u tiswija, u cioe bejn Marzu u Mejju 2012, kien hemm korrispondenza kostanti ghaddeja bejn il-partijiet u sahansitra anke bdiet issir komunikazzjoni diretta bejnu u bejn ir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti kemm fuq xoghol addizjonali rikjest kif ukoll fuq l-istima li baghtet is-socjeta rikorrenti ghal dawn ix-xogholijiet. **Kull darba li kien hemm qbil fuq xogholijiet addizzjonali kien jaghti struzzjonijiet bil-miktub lis-socjeta rikorrenti biex tipprocedi.**

Xehed illi xi drabi kienet issir kontro-offerta ghal prezz offert mis-socjeta rikorrenti, izda kien hemm okkazzjonijiet fejn is-socjeta rikorrenti naqset milli tibghat ir-risposta taghha ghal din, b'rizultat illi sar ammont ta' xogholijiet addizzjonali anke jekk ma kienx hemm qbil bil-miktub da parti tas-socjeta ntimata jekk ghandhomx isiru x-xogholijiet u fuq il-prezz u huwa ghalhekk li l-ammont allegatament dovut qieghed jigi kkontestat. Flimkien mal-affidavit tieghu, pprezenta spreadsheet, b'referenza ghall-elenku indikat fl-affidavit tal-Eng. Kirilov, li juri n-nuqqas ta' qbil tas-socjeta rikorrenti ghax-xogholijiet addizzjonali.

Kompla illi fir-rigward tax-xogholijiet addizzjonali is-socjeta rikorrenti kienet insistiet li dawn jithallsu kollha qabel jithalla jitlaq il-bastiment ghaliex skontha peress li dawn kienu xogholijiet addizzjonali ma kienux jifformaw parti mill-valur kontrattwali. Ghalkemm is-socjeta ntimata ma qablitx ma dan, u lanqas fuq l-ammonti fil-kontijiet, minhabba pressjoni

kbira minn naha tas-socjeta rikorrenti, **spiccat hallset 70% tal-valur kontrattwali tal-invoice CD1359A u 100% tat-tliet *invoices* l-ohra minhabba li altrimenti is-socjeta rikorrenti ma kienetx thalli lill-bastiment jitlaq mill-Bulgaria liberament.**

**Il-bilanc** li kien ghad fadal jithallas fi zmien hmistax -il gurnata wara t-tluq tal-vapur, sabiex is-socjeta ntimata jkollha cans taghmel il-verifiki taghha, **kien ta' €71,970.25**. Huwa spjega illi l-valur tax-xogholijiet li saru minghajr l-approvazzjoni tas-socjeta ntimata, u li kien gie effettivament mhallas mis-socjeta ntimata, kien fl-ammont ta' €87,728, il-valur tax-xogholijiet li saru mis-socjeta rikorrenti minghajr approvazzjoni kienu filfatt oghla mill-bilanc li s-socjeta rikorrenti tippretendi li ghandu jithallas lilha bl-ammont ta' €15,757.75, liema somma hija dovuta lis-socjeta ntimata bhala ammont imhallas in eccess.(Vide fol. 688)

**Qal ukoll illi s-socjeta ntimata mhux qed tikkontesta l-hlas li sar qabel it-tluq tal-bastiment, ghax-xogholijiet li saru minghajr approvazzjoni izda li kellhom isiru jew li kienu ta' beneficcju materjali ghall-bastiment.**

In kontro-ezami a fol 707 – 713 xehed illi kien jikkorrispondi mal-Engineer Kirilov specjalment meta l-affarijiet ma bdewx sejrin tajjeb. Kien ukoll f'kuntatt ma' Elio Desira li rwol tieghu huwa li jirrapprezenta lis-socjeta ntimata *on site* u filfatt kien hemm tul iz-zmien kollu li kienu qed isiru x-xogholijiet. Ikkonferma li s-socjeta ntimata hallset ghax-xogholijiet addizzjonali li saru minghajr l-approvazzjoni taghha, u spjega li dan kien ghaliex **ma setghatx taghmel mod iehor ghaliex is-socjeta rikorrenti ma riedetx thalli l-vapur jitlaq qabel ma jithallas l-ammont dovut**. Spjega li kien hemm xi xoghol addizzjonali li ma kellux problema bih izda dawk li hemm allegat fil-kawza ma kelhomx jithallsu.

In re-ezami a fol 713 – 714 spejga fir-rigward ta' kif kienu jinghataw struzzjonijiet biex isir xoghol addizzjonali illi t-*technical competent person* kien jaghmel *spreadsheet* tal-affarijiet u jibaghtom lis-socjeta ntimata. Is-socjeta ntimata mbaghad kienet tara jekk riedetx li taghmel dak ix-xoghol u jekk il-prezz hux gust u jinnegozzjaw, imbaghad tintbghat lura lis-*shipyard* bl-approvazzjoni u l-prezz. Il-hlas ghal xogholijiet addizzjonali dejjem sar f'kazijiet fejn l-approvazzjoni tkun inghatat b'dan il-mod.

**Ikkonsidrat;**

Wara li l-Qorti ezaminat l-atti processwali jirrizulta illi huwa fondat l-argument tas-socjeta ntimata illi s-socjeta rikorrenti wettqet xi xogholijiet li fuqhom **ma kienx hemm qbil** bejn il-partijiet rigward **jekk ghandux isir ix-xoghol jew rigward il-prezz.**

Il-Qorti pero tqis illi fir-rigward tal-*invoice* 1359B apparti l-ammont ta' €108,751 u gie mhallas fuq l-istess *invoice* skond CZG2 a fol. 334 u b'mod partikolari:

1. ***Item number* 10.26 fl-ammont ta' 950**, m'huwiex minnu dak li tikkontendi s-socjeta ntimata li ma inghatatx offerta dwar dan ix-xoghol, **ghaliex jidher li kienet tat l-approvazzjoni taghha ghalih u l-prezz kwotat a Fol 466**

   **€950**

2. ***Item number* 9.24.5: L-ammont ta' €3720** m'huwiex zieda fil-prezz fl-*invoice*, izda huwa t-total tas-somma ta' €3259 u €461, **u z-zewg prezzijiet kienu gew approvati mis-socjeta rikorrenti a Fol 476 u Fol 485.**

   **€3720**

3. ***Item number* 9.33** rigward ir-removal/refit tal-*insulation* fis-CO2 room, **jidher li l-prezz ta' €380 kien gie approvat mis-socjeta ntimata a fol 497.**

   **€380**

4. ***Item number* 10.340.2**, il-prezz li kien gie propost mis-socjeta rikorrent kien ta' €356, izda s-socjeta ntimata ghamlet **kontro-proposta ta' €340 (Fol 521) li giet accetta mis-socjeta rikorrenti, u ghalhekk jidher li qbil bejn il-partijiet taht dan il-kap.**

   **€340**

5. ***Item number* 10.34.13**: **Dan ix-xoghol u l-prezz totali ta' €283 kien gie approvat mis-socjeta ntimata a Fol 522.**

   **€283**

Dan l-ammont ghalhekk ghadu dovut **Subtotal €5,673**

**Dwar l-*invoice* numru CD1357**, il-Qorti rat illi s-socjeta' rikorrenti kienet pattwit lis-socjeta' ntimata skont ta' €21,000, u dan kif jidher mid-dokument ezebit a fol. 627, fejn is-socjeta' rikorrenti qalet illi ***"We will cover claim of the terminal on amount of 15000 Euro and additional overtime charges for 6000 Euro."*** Pero jirrizulta illi dawn l-ammonti **xorta wahda gew inkluzi** fl-*invoice* CD1357 a fol. 124. Il-Qorti tqis illi is-somma ta' €21,000 ghandha titnaqqas mill-*invoice* CD1357. L-ammont rimanenti ta' €23,661 pero huwa dovut mis-socjeta' ntimata peress illi jidher illi gie approvat tant li, fin-nota ta' sottomissjonijiet

taghha, s-socjeta’ ntimata tikkontesta biss l-inkluzjoni tal-ammont ta’ €21,000 mhux l-ammont tal-*invoice* kollu.

Dawn l-ammonti ghalhekk certament huma dovuti mis-socjeta ntimata lis-socjeta rikorrenti, galadarba kien hemm qbil bil-mitkub kif rikjest mil-ftehim ta' bejniethom.

Skont il-ftehim konkluz bejn il-partijiet, kwalunkwe xoghol addizzjonali setgha jibda jsir biss hekk kif ikun hemm ftehim bil-miktub bejn il-partijiet. Fi kliem iehor, is-socjeta ntimata irriservat il-fakulta illi tiddeklina milli jsir xoghol addizzjonali, u dan billi ma taghtix l-approvazzjoni taghha bil-miktub ghal dan ix-xoghol jew ghal prezz propost.

Ghal din il-klawsola il-partijiet ma provdew ghal ebda eccezzjoni. Ghalhekk huwa palezi  li l-intenzjoni tal-partijiet kienet li biex is-socjeta rikorrent tkun tista' validament taghmel xogholijiet addizzjonali fuq il-bastiment tas-socjeta ntimata, kellha bzonn necessarjament tottjeni l-approvazzjoni tas-socjeta ntimata kemm ghax-xoghol propost, u kif ukoll ghal prezz kwotat mis-socjeta rikorrent. Qari tal-kuntratt juri li kienet l-intenzjoni tal-partijiet li jeskludu l-possibilita li jsir xoghol addizzjonali fuq il-bastiment jekk ma jkunx hemm approvazzjoni mis-socjeta ntimata.

Ghalhekk, skond il-kuntratt, huwa inaccettabli li s-socjeta rikorrenti tesegwixxi xogholijiet fuq il-bastiment tas-socjeta ntimata, meta ma kienx hemm kunsens espress mis-socjeta ntimata rigward ix-xogholijiet u l-prezz. Ghalhekk, fil-kazijiet fejn is-socjeta ntimata ghamlet kontro-proposta ghal proposta tas-socjeta rikorrenti, u din il-kontro-proposta ma gietx accettata mis-socjeta rikorrenti **huwa car li kien hemm in-nuqqas ta' qbil espress u indikat bil-kitba, kif rikjest mill-kuntratt, li konsegwentement ifisser illi s-socjeta rikorrenti ma kellha l-ebda setgha jew dritt li taghmel dawn ix-xogholijiet, u iktar u iktar li tippretendi hlas ghalihom skont il-prezz originarjament propost minnha**. Lanqas il-fatt li certu xogholijiet kienu allegatament rikjesti mic-Certification Society ma huma raguni tajba biex isiru xogholijiet fuq il-bastiment tas-socjeta ntimata **minghajr** il-kunsens taghha, ghaliex fil-kuntratt ta' bejn il-partijiet ma saret l-ebda eccezzjoni ghar-rekwizit tal-kunsens espress tas-socjeta ntimata biex isiru x-xogholijiet, u ma jidher li hemm l-ebda lok sabiex din il-Qorti taghti interpretazzjoni xort'ohra ta' dan il-kuntratt.

Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Anton Spiteri vs Alfred Borg** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' Novembru 2000

> ***"...hawn japplika l-principju stabilit fl-artikolu 1002 tal-Kap 12, fejn meta il-kliem ta' konvenzjoni mehud fis-sens skond l-uzu tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ta' interpretazzjoni, ghaliex tali interpretazzjoni, anke supplita minn xhieda, tista' tinghata biss sabiex telucida l-iskrittura jew il-kuntratt f'xi patt incidentali jew accessorju taghha" ("Carmela Borg vs Bartolomeo Xuereb" - App. Civ. deciza 30 ta' Marzu 1997)."***

F'dan ir-rigward gie ritenut ukoll fil-gurisprudenza:

> ***"[i]lli dan huwa wkoll konformi mal-principju 'contra scriptum non est argumentum', li jibqa' japplika sakemm ma tingiebx prova li tali skrittura hija nieqsa minn xi element kostitutiv taghha."[1]***

Dawn il-principji gew kostantament ribaditi mill-Qrati taghna, illi jinsenjaw li:

> ***"huwa principju generali fl-interpretazzjoni talkuntratti dak stabbilit fl-artikolu 1002 tal-Kap 16 u cioe' li meta "il-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu taz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ta' interpretazzjoni."[2]***

Illi bl-aktar mod esplicitu gie ritenut li:

> ***"l-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. "Pacta sunt servanda".[3]***

Ir-ratio tal-ligi, specjalment fid-dawl tal-gurisprudenza kwotata, jfisser ghalhekk illi l-Qorti tista' biss tintepreta l-konvenzjoni meta:

1. il-partijiet ma jkunux spjegaw ruhhom sew fil-kuntratt; jew

---

[1]**Dr. Gerald Montanaro Gauci noe vs Alex Agius Cesario noe**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 31 ta' Jannar 2002.

[2]**Emmanuel Schembri et vs Leonard Ellul et,** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 30 ta' Ottubru 2000; **Suzanne Sciberras vs Gilbert Terreni,** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 12 ta' Lulju 2001; **Alfrida Borg vs Carmen Camilleri et,** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 2 ta' Ottubru 2001.

[3]**Gloria mart Jonathan Beacom et vs l-Arkitett u l-Inginier Civili Anthony Spiteri Staines,** Qorti tal-Appell Civili deciz 5 ta' Ottubru 1998.

2. posterjorment ghall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx giet preveduta u li kien hemm bzonn li tigi maqtugha. F'dan il-kaz l-interpretazzjoni ghandha tkun primarjament skont l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu hadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher cara mill-kumpless tal-konvenzjonijiet.[4]

F'dan il-kaz, zgur ma jistghax jinghad illi l-partijiet ma spjegawx ruhhom sew fil-kuntratt ghaliex il-klawsola relevanti hija mill-iktar cara fl-istipulazzjoni taghha. Ghalhekk, l-Qorti hija prekluza milli taghmel xi interpretazzjoni ta' din il-klawsola fir-rigward ta' dak li kienet awtorizzata li taghmel is-socjeta rikorrenti, ghaliex il-klawsola hija cara u inekwivoka.

Dak li trid tanalizza l-Qorti ghalhekk huwa il-konsegwenza tal-ksur tal-obbligi kontrattwali da parti socjeta rikorrenti meta ghamlet xogholijiet addizzjonali minghajr il-kunsens tas-socjeta ntimata, gialadarba il-konsegwenzi ta' dan l-avveniment ma giex previst fil-kuntratt. Wara li rat il-kuntratt u qieset l-intenzjoni tal-partijiet, il-Qorti hija tal-fehma li s-socjeta ntimata m'ghandiex, hlief ghal dak li ser jigi provdut aktar l-isfel, tigi kkundanata ghal hlas ta' xogholijiet addizzjonali illi ma tatx kunsens ghalihom ghaliex:

1. l-ewwel nett, is-socjeta rikorrenti vjolat il-principju ta' pacta sunt servanda meta qabdet u ghamlet xogholijiet minghajr l-approvazzjoni espressa tas-socjeta ntimata kif rikjest fil-kuntratt, u m'ghandiex tigi premjata ghan-nuqqas t'osservanza tal-obbligi taghha;

2. inoltre, galadarba il-partijiet eskludew kompletament il-possibilita li jsiru xogholijiet addizzjonali minghajr il-kunsens tas-socjeta ntimata, il-Qorti tqis illi ssegwi bhala l-iktar interpretazzjoni logika u naturali tal-konvenzjoni bejn il-partijiet illi s-socjeta ntimata m'ghandiex tigi kostretta thallas ghal dawk ix-xogholijiet addizzjonali li saru minghajr il-kunsens espress taghha.

Il-Qorti pero qieset ix-xhieda ta' Dr. Cornelia Zammit German fis-sens illi s-socjeta ntimata lesta li thallas ghal dawk ix-xogholijiet fejn ma gietx moghtija approvazzjoni minhabba disgwid fuq il-prezz, liema hlas lesta li taghmel a bazi tal-kontro-proposta li kienet ghamlet lis-socjeta rikorrenti.

---

[4]**General Cleaners Company Limited vs Attorney General et,** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 29 ta' Novembru 2001; **Gloria mart Jonathan Beacom et vs l-Arkitett u l-Inginier Civili Anthony Spiteri Staines,** Qorti tal-Appell Civili deciz 5 ta' Ottubru 1998; **Suzanne Sciberras vs Gilbert Terreni,** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 12 ta' Lulju 2001; **Anton Spiteri vs Alfred Borg,** Prim'Awla tal-Qorti Civili 30 ta' Novembru 2000.

Inoltre, il-Qorti tikkondividi mal-argument tas-socjeta ntimata illi ghandu jigi applikat skont generali ta' 5% u dan in vista tal-korrispondenza mibghuta mis-socjeta rikorrenti ezebita minnha stess a Fol 69, fejn is-socjeta rikorrenti pattwit lis-socjeta ntimata illi "***we confirm that a 5% (five percent) discount shall apply on the final bill.***" Din il-wieghda saret **minghajr riserva**, u ghalhekk is-socjeta rikorrenti m'ghandha l-ebda dritt li tmur lura minn dak li wieghdet lis-socjeta ntimata fi zmien meta kienu qed isiru it-trattattivi bejn il-partijiet.

**Ikkonsidrat;**

Is-socjeta ntimata ikkonfermat il-qbil taghha mal-*invoices* numru CD1359A, li tammonta ghal €462,740. Minn dan l-ammont trid titnaqqas is-somma ta' €23,137 rapprezentanti l-iskont pattwit ta' 5% u ghalhekk l-ammont dovut fuq *invoice* CD1359A huwa ta' **€439,603**

Is-socjeta' intimata ikkonfermat ukoll il-qbil taghha mal-*invoive* numru CD1359C fl-ammont ta' €15,884. Minn fol. 72 jidher illi is-socjeta' rikorrenti kienet **diga** applikat l-iskont pattwit fuq din l-*invoice*. Ghalhekk l-ammont globali dovut fuq l-*invoices* CD1359A u CD1359C huwa ta' €439,603 + €15,884 **€455,487**

L-*invoice* bin-numru CD1359B mahrug mis-socjeta' rikorrenti kien fl-ammont ta' **€658,993**.

Minn din l-*invoice* il-Qorti taghraf illi skond l-istess socjeta' intimata dak dovut lis-socjeta' rikorrenti minkejja l-kontestazzjoni dwar l-approvazzjoni huwa l-ammont li jidher f'.

| | | |
|---|---|---|
| Dok. CZG2 a fol. 342 | | **- €178,991** |
| L-ammont fuq l-istess *invoice* gia mhallas mis-socjeta intimata huwa ta' | | **108,751** |
| L-ammont kontestat ghalhekk hu | **Subtotal** | **-70,240** |
| Il-Qorti sabet aprovati ulterjorment[5] | | **5,673** |

[5] Vide din is-sentenza a fol. 11

| | |
|---|---|
| Ghalhekkk ghandu jitnaqqas mill-*invoice* CD1359B Xoghol mhux awtorizzat mis-socjeta' intimata huwa ta' | |
| | **64,567** |
| Ghalhekk mill-ammont globali tal-*invoice* CD1359B | **658,993** |
| irid jitnaqqas | 64,567 |
| Subtotal | 594,426 |
| Li minnu jrid jitnaqqas skont ta' 5% | 29,721.30 |
| **Ghalhekk dak dovut lis-socjeta' rikorrenti fuq *invoice* CD1359B huwa** | **564,704.70** |

| | |
|---|---|
| Milli *invoice* numru CD 1357 f'ammont ta' | €44,661.00 |
| trid titnaqqas is-somma ta' | <u>€21,000.00</u> |
| Subtotal | €23,661.00 |
| Minn dan l-ammont irid jitnaqqas skont ta' 5% | <u>€1,183.05</u> |
| **Total:** | **€22,477.95** |

Konsegwentement l-ammont globali dovut mis-socjeta ntimata lis-socjeta rikorrenti huwa:

| | |
|---|---|
| *Invoice* CD1359A u CD1359C | € 455,487.00 |
| *Invoice* CD1359B | 564,704.70 |
| *Invoice* CD1357 | 22,477.95 |
| **Total:** | **1,042,669.65** |

Kif jidher mid-dokument ezebit a Fol 350 is-socjeta ntimata hallset l-ammont ta' €206,507 u €793,900 skont id-dokument ezebit a Fol 352, b'total ta' **€1,000,407.**

Ghalhekk jidher illi s-socjeta ntimata ghada debitrici tas-socjeta rikorrenti fl-ammont ta' **€42,262.65** (€1,042,669.65 - €1,000,407).

Ghal dawn il-mottivi, l-Qorti tilqa' in parti it-talbiet tar-rikorrent noe billi tiddikjara illi s-socjeta ntimata hija debitrici tar-rikorrenti noe fl-ammont ta' tnejn u erbghin elf, mitejn, tnejn u sittin Ewro u hamsa u sittin centezmu (**€42,262.65)** u tordna lis-socjeta ntimata thallas is-somma ta' tnejn u erbghin elf, mitejn, tnejn u sittin Ewro u hamsa u sittin centezmu (**€42,262.65)** lir-rikorrenti noe, bl-imghax dekorribbli mid-data tas-sentenza.

L-ispejjez ghandhom jinqasmu kwantu terz ($^{1}/_{3}$) ghal ghas-socjeta' attrici u due terzi ($^{2}/_{3}$) s-socjeta' intimata.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**